# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

Il-Hamis 26 ta' Novembru 2020

Il-Kunsill Lokali Qala Itaqa` b'urgenza fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:30 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Vici Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Hadd

**ASSENTI**

Hadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Din il-laqgħa kellha tibda fis-6:00 ta' filgħaxija izda l-Kunsill iddecida li għandha jsir il-laqgħa b'urgenza numru 24 l-ewwel imbagħad isir din il-laqgħa numru 23. Għalhekk din il-laqgħa ser tibda issa. Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa.

**23.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.**

23.1.1 Ma kien hemm ebda ittra ta' apologija.

**23.2 Ittra dwar il-Bord tal-Governanza Lokali dwar il-kaz li ser jinstema` nhar it-2 ta' Dicembru 2020.**

23.2.1 Għal din il-parti tal-laqgħa gie mistieden l-Avukat Dr Mario Scerri. Is-Sindku semma li għadda kopja tal-ittra li l-Kunsill ircieva mingħand il-Bord tal-Governanza Lokali dwar il-kaz li ser jinstema` nhar it-2 ta' Dicembru 2020.* Huwa semma li Dr Scerri ser jirrapprezenta lill-Kunsill. Dr Scerri semma li hemm minn minuti numru 7 sa minuti numru 14 mhumiex iffirmati. Is-Sindku semma li huwa lest li issa jiffirmahom barra il-minuti 7, 8, 9 għax fuq dawk għandu l-ilmenti. Dr Scerri semma li s-Sindku lilu spejgalu li ma ffirmax dawn il-minuti u dan dwar incident li kien hemm bejn is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv fejn is-Sindku ried jagħmel xi korrezzjonijiet fil-minuti li tqajjmet fil-minuti numru 7 u fil-minuti ta' wara 8 u 9. Dr Scerri semma li tista` jsir kjarifika sabiex imbagħad ikunu jistgħu jigu ffirmati l-minuti. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet illi peress li fl-ittra l-Bord tal-Governanza ordna lill-Kunsill sabiex jipprezenta r-risposta tiegħu fi zmien għaxar t'ijiem minn notifika tal-ittra u peress li l-Kunsill kien ircieva l-ittra ftit wara, hija f'isem il-Kunsill talbiet lill-Bord li jingħata zmien sal-Gimgħa 27 ta' Novembru 2020 sabiex il-Kunsill ikun jista` jibgħat ir-risposta tiegħu kif ukoll talbiet dwar x'risposta qed jitolbu. Hija semmiet illi giet informatha mis-Segretarja tal-Bord li l-Kunsill jista` jibgħat ir-risposta tiegħu sas-27 ta' Novembru u li r-risposta li qed jitolbu hija ta' minn ser jattendi għal dan is-smiegħ. Is-Segretarja semmiet ukoll illi illum hija talbiet lil Bord jekk il-membri kollha tal-Kunsill humiex obbligati li jkunu hemm għas-smiegħ. Dr Scerri semma li l-Kunsill għandu jibgħat risposta lil Bord dwar l-ilment li għamlet is-Segretarja. Is-Segretarja semmiet illi hija m'għamlet ebda ilmenti u sabiex l-affarijiet ikunu cari spjegat lil Dr Scerri illi s-Segretarji Ezekuttivi bil-ligi jridu jagħmlu *upload* tal-minuti, *agenda* ecc *online*. Hija semmiet illi peress li l-minuti msemmija aktar 'il fuq ma kinux iffirmati hija ma setgħetx tagħmel *upload* tagħhom. Hija semmiet kif il-*Monitoring Unit* fi ħdan il-Dipartiment għal-Gvern Lokali beda jibgħatilha għal darba darbtejn għalfejn hija ma kinitx qedha tagħmel *upload* ta' dawn il-minuti u għalhekk hija kellha tgħidilhom ir-raguni għalfejn. Is-Segretarja semmiet illi kull m'għamlet huwa xogħolha u m'għamlet ebda ilmenti u lanqas kienet konxja li dan kollu ser jasal Bord tal-Governanza. L-Avukat Scerri telaq mill-laqgħa u għalhekk peress li s-Segretarja kienet semmiet illi huwa mhuwiex l-Avukat tal-Kunsill, saret votazzjoni dwar jekk huwa għandux jattendi mal-Kunsill għal dan is-smiegħ jew le. Saret votazzjoni b'erba` voti favur u astenzjoni. Is-Segretarja semmiet illi kienet għada kif ircievet risposta għall-ittra li hija kienet bgħatet lis-Segretarja tal-Bord dwar jekk il-membri tal-Kunsill humiex obbligati kollha li jattendu għas-smiegħ. Ir-risposta kienet li s-Segretarja Ezekuttiva biss. Il-Kunsill iddecida li għandha tintbgħat risposta lil Bord li bħala Kunsill sar qbil li jattendu s-Sindku, s-Segretarja u l-Avukat Dr Scerri. Il-Kunsill iddecida wkoll illi r-risposta tal-Kunsill għandha tkun tikkonsisti f'minn ser ikun prezenti għas-smiegħ u li mhux dwar il-materja li għaliha sejra jsir is-smiegħ. Gie deciz ukoll li jigi nformat Dr Scerri li huwa gie appuntat sabiex jirraprezenta lill-Kunsill f'dan il-kaz u li l-Kunsill iddecida li r-risposta li għandha tintbgħat lil Bord hija dwar minn ser jattendi għas-smiegħ.

n allegat fo



*

QALA

**23.3. Tmiem il-laqgha.**

23.3.1 Il-laqgha ntemmet fis-7:00 ta' filghaxija.

Ikkonfermati illum, it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2020.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Ezekuttiv

Is-sindku talab lill-kunsilliera permezz ta e-mail biex jinhatar avukat biex jassisstina fuq l-kas. Huwa irrakkomanda lil Dr Mario Scerri ghax kien diga assista lil kunsill fuq kazijiet legali ohra u talab lil kunsilliera japprovawh biex jkun jista jigi ghal laqgha. Is-sindku u 3 kunsilliera approvawh. Il-vici sindku ma irciviex l-email bi zvista